

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

P8\_TA(2017)0069

**Vetturi li m'għadhomx jintużaw, skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku \*\*\*I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-14 ta' Marzu 2017 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 2000/53/KE dwar vetturi li m'għadhomx jintużaw, 2006/66/KE dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u 2012/19/UE dwar skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku (COM(2015)0593 – C8-0383/2015 – 2015/0272(COD)) <sup>(1)</sup>

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

(2018/C 263/29)

**Emenda 1****Proposta għal direttiva****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

- (1) L-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni għandu jittejjeb, bil-ħsieb li titħares, tinżamm u tiżdied il-kwalità tal-ambjent, tkun protetta s-saħħa tal-bniedem, **tkun żgurata utilizzazzjoni razzjonali u prudenti** tar-riżorsi naturali, u **tiġi promossa ekonomija iktar** ċirkolari.

*Emenda*

- (1) L-immaniġġjar tal-iskart fl-Unjoni għandu jittejjeb, bil-ħsieb li titħares, tinżamm u tiżdied il-kwalità tal-ambjent, tkun protetta s-saħħa tal-bniedem, **ikun żgurat użu prudenti u effiċjenti** tar-riżorsi naturali, u **jiġu promossi l-prinċipji tal-ekonomija** ċirkolari.

**Emenda 2****Proposta għal direttiva****Premessa 1a (ġdida)***Test propost mill-Kummissjoni**Emenda*

- (1a) **Ekonomija ċirkolari nadifa, effikaċi u sostenibbli** teħtieġ it-tneħħija ta' sustanzi perikolużi mill-prodotti fl-istadju tad-disinn u f'dan il-kuntest l-ekonomija ċirkolari għandha tirrikonoxxi d-dispożizzjonijiet espliċiti fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali li jitolbu l-iżvilupp ta' ċikli ta' materjal mhux tossiku sabiex l-iskart riċiklat ikun jista' jintuża bħala sors ewlieni u affidabbli ta' materja prima għall-Unjoni.

<sup>(1)</sup> Il-każ ġie mgħoddi lura għal negozjati interistituzzjonali lill-kumitat responsabbli skont l-Artikolu 59(4), ir-raba' subparagrafu (A8-0013/2017).

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

## Emenda 3

## Proposta għal direttiva

## Premessa 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1b) *Hemm bżonn tiġi żgurata l-ġestjoni effikaċi u b'konsum baxx ta' enerġija tal-materja prima sekondarja, u għandha tingħata prijorità lil sforzi fir-R&Ż fid-dawl ta' dak l-oġġettiv. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkunsidra wkoll li tressaq proposta dwar il-klassifikazzjoni tal-iskart biex tappoġġja l-ħolqien ta' suq tal-Unjoni ta' materja prima sekondarja.*

## Emenda 4

## Proposta għal direttiva

## Premessa 1c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (1c) *Ladarba materjal riċiklat jerġa' jidħol fl-ekonomija peress li jingħata l-istatus ta' tmiem tal-istadju tal-iskart, billi jew jikkonforma ma' kriterji speċifiċi ta' tmiem tal-istadju tal-iskart jew billi jiġi inkorporat fi prodott ġdid, jeħtieġ li jkun għalkollox konformi mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi kimiċi.*

## Emenda 5

## Proposta għal direttiva

## Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (2a) *F'dawn l-aħħar snin ix-xenarju industrijali nbidel b'mod sostanzjali minħabba l-progress teknoloġiku u żieda fil-flussi globali tal-merkanzija. Dawn il-fatturi joħlqu sfidi ġodda għall-immaniġġjar u t-trattament ambjentalment responsabbli tal-iskart li għandu jiġi indirizzat b'taħlita ta' sforzi ta' riċerka akbar u ta' għodod regolatorji mmirati. L-obsolixxenza ppjanata hija kwistjoni li dejjem qed tikber, intrinsikament kontradittorja mal-għanijiet ta' ekonomija ċirkolari, u għaldaqstant għandha tkun indirizzata bl-għan li tinghered permezz ta' sforz komuni tal-partijiet interessati prinċipali kollha, l-industrija, il-konsumaturi u l-awtoritajiet regolatorji.*

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 6**  
**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3**

Test proposit mill-Kummissjoni

- (3) Id-dejta **statistika** li jirrappurtaw l-Istati Membri hi essenzjali biex il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart fost l-Istati Membri. Il-kwalità, l-affidabbiltà u l-paragunabbiltà **tal-istatistika** għandhom jittejbu billi jiġi introdott punt ta' dħul wieħed għad-dejta kollha dwar l-iskart, billi jitħassru rekwiżiti ta' rappurtar li m'għadhomx jgħoddu, billi ssir valutazzjoni komparattiva tal-metodoloġiji nazzjonali tar-rappurtar, u billi jiġi introdott rapport ta' verifika tal-kwalità tad-dejta.

Emenda

- (3) Id-dejta u **l-informazzjoni** li jirrappurtaw l-Istati Membri huma essenzjali biex il-Kummissjoni tivvaluta l-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart fost l-Istati Membri. Il-kwalità, l-affidabbiltà u l-paragunabbiltà **tad-dejta rrappurtata** għandhom jittejbu billi **tiġi stabbilita metodoloġija komuni għall-għbir u l-ipproċessar tad-dejta abbażi ta' riżorsi affidabbli u billi** jiġi introdott punt ta' dħul wieħed għad-dejta kollha dwar l-iskart, billi jitħassru rekwiżiti ta' rappurtar li m'għadhomx jgħoddu, billi ssir valutazzjoni komparattiva tal-metodoloġiji nazzjonali tar-rappurtar, u billi jiġi introdott rapport ta' verifika tal-kwalità tad-dejta. **Ir-rappurtar affidabbli tad-dejta dwar il-ġestjoni tal-iskart huwa kruċjali għal implimentazzjoni effiċjenti u biex tkun żgurata l-paragunabbiltà tad-dejta fost l-Istati Membri. Għalhekk, meta jiġu biex jirrappurtaw dwar l-ilħiq tal-miri stipulati fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw l-aktar metodoloġija riċenti li jkunnu żviluppaw il-Kummissjoni, l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-immaniġġjar tal-iskart.**

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**

**Premessa 3a (ġdida)**

Test proposit mill-Kummissjoni

Emenda

- (3a) **Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-għbir separat ta' Skart ta' Tagħmir Elettriku u Elettroniku (WEEE) jiġi segwit bi trattament xieraq. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi u konformità mal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-kunċett ta' ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa standards komuni għat-trattament ta' WEEE, kif stipulat mid-Direttiva 2012/19/UE.**

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 8**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

- (4) Ir-rappurtar affidabbli tad-dejta statistika dwar l-immanniġġjar tal-iskart huwa tal-akbar importanza għal implimentazzjoni effiċjenti u biex ikunu żgurati l-paragunabbiltà tad-dejta u kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. Għaldaqstant, meta jippreparaw ir-rapporti dwar il-konformità mal-miri stipulati f'dawn id-Direttivi, l-Istati Membri għandhom jużaw ***l-aktar metodoloġija riċenti li jkunu żviluppaw*** il-Kummissjoni ***u l-uffiċċji*** nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri.

---

*Emenda*

- (4) Ir-rappurtar affidabbli tad-dejta statistika dwar l-immanniġġjar tal-iskart huwa tal-akbar importanza għal implimentazzjoni effiċjenti u biex ikunu żgurati l-paragunabbiltà tad-dejta u kundizzjonijiet ekwi fost l-Istati Membri. Għaldaqstant, meta jippreparaw ir-rapporti dwar il-konformità mal-miri stipulati f'dawn id-Direttivi, l-Istati Membri għandhom jużaw ***il-metodoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta*** li tkun ***żviluppat*** il-Kummissjoni ***f'kooperazzjoni mal-uffiċċji*** nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri.

**Emenda 9**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 4a (ġdida)**

---

*Test propost mill-Kummissjoni*

---

*Emenda*

- (4a) ***Sabiex tgħin biex jintlaħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva, u biex tagħti spinta lit-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippromwovi l-koordinazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri u bejn setturi differenti tal-ekonomija. Dan l-iskambju jista' jiġi ffaċilitat permezz ta' pjattaformi ta' komunikazzjoni li jistgħu jgħinu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni ta' soluzzjonijiet industrijali ġodda u jippermettu analiżi ġenerali aħjar tal-kapaċitajiet disponibbli u jikkontribwixxu biex jikkollegaw l-industrija tal-iskart u setturi oħra u jappoġġjaw is-simbjożi industrijali.***

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 10****Proposta għal direttiva****Premessa 4b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (4b) *Il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE tapplika bħala ordni ta' prijorità fid-dritt tal-Unjoni dwar il-prevenzjoni u l-immaniġġjar tal-iskart. Dik il-ġerarkija għaldaqstant tapplika fil-kuntest tal-vetturi li m'għadhomx jintużaw, batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, u skart ta' tagħmir elettriku u elettroniku. Waqt li jikkonformaw mal-għan ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkunsidraw il-prijoritajiet tal-ġerarkija tal-iskart u jiżguraw l-implimentazzjoni Prattika ta' dawn il-prijoritajiet.*

**Emenda 11****Proposta għal direttiva****Premessa 5a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (5a) *Peress li hemm ħtieġa dejjem akbar biex jiġi ġestit u riċiklat l-iskart fl-Unjoni, f'konformità mal-ekonomija ċirkolari, jenħtieġ li ssir enfasi biex jiġi żgurat li vjeġġ ta' skart ikun f'konformità mal-prinċipji u r-rekwiżiti tad-dritt ambjentali, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' prossimità, il-prijorità tal-irkupru u l-awtosuffiċjenza. Il-Kummissjoni għandha teżamina jekk huwiex il-każ li jiġi introdott punt uniku ta' servizz għall-proċedura amministrattiva għal vjeġġi ta' skart, bl-għan li jitnaqqsu il-piżijiet amministrattivi. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevjenu l-vjeġġi illegali tal-iskart.*

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 12**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7a (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7a) *Sabiex jiġu s-supplimentati ċerti elementi mhux essenzjali tad-Direttiva 2000/53/KE u d-Direttiva 2012/19/UE, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea i fir-rigward tal-metodoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u tal-format għar-rappurtar tad-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-użu mill-ġdid u l-irkupru ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw skont id-Direttiva 2000/53/KE u l-metodoloġija għall-ġbir tad-dejta u l-ipproċessar u l-format għar-rappurtar tad-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-miri stabbiliti għall-ġbir u l-irkupru tat-tagħmir tal-elettriku u elettroniku taħt id-Direttiva 2012/19/UE. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievu l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 13**  
**Proposta għal direttiva**  
**Premessa 7b (ġdida)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (7b) *Sabiex jiġu stabbiliti l-metodoloġija għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u l-format għar-rappurtar tad-dejta għall-batteriji u l-akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi, jenħtieġ li li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għall-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**  
**Artikolu 1 – paragrafu - 1 (ġdid)**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test fis-seħħ

Emenda

**Fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:**

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-vetturi li m' għadhomx jintużaw ikunu maħżuna (anke temporanjament) u trattati skont **ir-rekwiżiti** ġenerali stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/442/KEE, u b'konformità mar-rekwiżiti minimi tekniċi stipulati fl-Anness I ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u l-ambjent.”

“1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri neċessarji biex jiżguraw li l-vetturi li m' għadhomx jintużaw ikunu maħżuna (anke temporanjament) u trattati skont **il-prijoritajiet għall-ġerarkija tal-iskart u r-rekwiżiti** ġenerali stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 75/442/KEE, u b'konformità mar-rekwiżiti minimi tekniċi stipulati fl-Anness I ta' din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-regolamenti nazzjonali dwar is-saħħa u l-ambjent.”

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 15****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1a

*Test propost mill-Kummissjoni*

1a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena tal-kalendarju, id-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(2). Għandhom **jirrapportaw** din id-dejta b'mod elettroniku **sa 18-il** xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-dejta. Id-dejta trid tiġi rrapportata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1d. **L-ewwel rapport għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar [daħħal is-sena tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva + sena] sal-31 ta' Diċembru [daħħal is-sena tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva + sena].**

*Emenda*

1a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena tal-kalendarju, id-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 7(2). Għandhom **jiġbru u jipproċessaw** din id-dejta **skont il-metodoloġija komuni msemmija fil-paragrafu 1d ta' dan l-Artikolu u jirrapportawha** b'mod elettroniku **fi żmien 12-il** xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-dejta. Id-dejta trid tiġi rrapportata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 1d.

**Emenda 16****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1c

*Test propost mill-Kummissjoni*

1c. Il-Kummissjoni għandha **tirrevedi d-dejta** rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat **tar-reviżjoni** tagħha. Ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir **tad-dinja**, is-sorsi tad-dejta u **l-metoloġija** użata fl-Istati Membri, kif ukoll il-kompletezza, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-dejta. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jtfassal kull tliet snin.

*Emenda*

1c. Il-Kummissjoni għandha **tagħmel rieżami tad-dejta** rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat **tar-rieżami** tagħha. **Sakemm tiġi stabbilita l-metodoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1d**, ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir **tad-dejta**, is-sorsi tad-dejta u **l-metodoloġija** użata fl-Istati Membri. **Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-kompletezza**, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-dejta. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jtfassal kull tliet snin.

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 17****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1ca.** *Fir-rapport, il-Kummissjoni tista' tinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva fl-intier tagħha kif ukoll l-impatt tagħha fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta legiſlattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva.*

**Emenda 18****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1d. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni li jistipulaw il-format** għar-rappurtar tad-dejta skont il-paragrafu 1a. **Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 11 (2).**

1d. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati sabiex tissupplimentata din id-Direttiva permezz tal-istipular tal-metodoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u l-format** għar-rappurtar tad-dejta skont il-paragrafu 1a.

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 19****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**1da.** *Sal-31 ta' Diċembru 2018, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u fid-dawl tal-impenn tal-Unjoni li tagħmel it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' din id-Direttiva fl-intier tagħha, u b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni u l-miri tagħha, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt u fid-dawl tal-oġġettivi tal-politika u l-inizjattivi tal-Unjoni dwar l-ekonomija ċirkolari. Għandha ssir enfasi speċjali fuq vjeġġi ta' vetturi użati li jkun suspettat li huma vetturi li m'għadhomx jintużaw. Għal dan l-iskop, għandhom jintużaw il-Linji Gwida tal-Korrispondenti 9 dwar vjeġġi ta' vetturi li m'għadhomx jintużaw. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-possibbiltà li tistabbilixxi miri speċifiċi għar-riżorsi, b'mod partikolari għal materja prima kritika. Jekk ikun xieraq, dak ir-rieżami għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.*

**Emenda 20****Proposta għal direttiva****Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

Direttiva 2000/53/KE

Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:****“Artikolu 9a****Strumenti biex titrawwem bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari**

*Sabiex jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw strumenti ekonomiċi adegwati u għandhom jieħdu miżuri oħra biex jipprovdu inkentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart. Tali strumenti u miżuri jistgħu jinkludu dawk indikati fl-Anness IVa tad-Direttiva 2008/98/KE.”*

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 21****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 22a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(1a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:****“Artikolu 22a****Dejta**

1. *Id-dejta li jirrapporta l-Istat Membru skont l-Artikoli 10 u 12 għandha tkun akkumpanjata minn rapport ta' verifika tal-kwalità.*

2. *Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 23a sabiex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi metodoloġija għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u l-format tar-rappurtar.”*

**Emenda 22****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt -a (ġdid)**

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23 – titolu

Test fis-seħħ

Emenda

**(-a) Fl-Artikolu 23, it-titolu jinbidel b'dan li ġej:****“Reviżjoni”****“Rappurtar u rieżami”****Emenda 23****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt a**

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Sa mhux aktar tard minn tmiem l-2016, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u l-impatt tagħha fuq l-ambjent u fuq il-funzjonament tas-suq intern.

1. Sa mhux aktar tard minn tmiem l-2016 **u darba kull tliet snin minn hemm 'il quddiem**, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u l-impatt tagħha fuq l-ambjent u fuq il-funzjonament tas-suq intern.

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 24****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2 – punt ba (ġdid)**

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ba) Jiżdied il-paragrafu li ġej:**

*“3a. Sal-31 ta' Diċembru 2018, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u fid-dawl tal-impenn tal-Unjoni li tagħmel it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' din id-Direttiva fl-intier tagħha, u b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni u l-miri tagħha, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt. Dak ir-rieżami għandu jqis l-oġettivi u l-inizjattivi tal-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari, kif ukoll l-iżvilupp tekniku ta' tipi ġodda ta' batteriji li ma jużawx sustanzi perikolużi, b'mod partikolari ebda metall tqil u metalli oħrajn jew joni tal-metall. Il-Kummissjoni għandha teżamina wkoll il-possibbiltà li tistabbilixxi miri speċifiċi għar-riżorsi, b'mod partikolari għal materja prima kritika. Jekk ikun xieraq, dak ir-rieżami għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.”*

**Emenda 25****Proposta għal direttiva****Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)**

Direttiva 2006/66/KE

Artikolu 23aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(2a ) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:****“Artikolu 23aa**

**Strumenti biex titrawwem bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari**

**Sabiex jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw strumenti ekonomiċi adegwati u għandhom jieħdu miżuri oħra biex jipprovdu inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart. Tali strumenti u miżuri jistgħu jinkludu dawk indikati fl-Anness IVa tad-Direttiva 2008/98/KE.”**

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 27****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt - 1 (ġdid)**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 4

Test fis-seħħ

Emenda

**(-1) Fl-Artikolu 8, paragrafu 5, is-subparagrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:**

“Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni **tista' tadotta** atti ta' implimentazzjoni, li **jistabilixxu** standards minimi ta' kwalità, **ibbażati partikolarment fuq l-istandards żviluppati mill-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni Ewropej**. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21(2).”

“Sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, **u b'konformità mal-mandat fid-Direttiva 2012/19/UE**, il-Kummissjoni **għandha tadotta** atti ta' implimentazzjoni li **jistabilixxu** standards minimi ta' kwalità. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21(2).”

**Emenda 28****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena tal-kalendarju, id-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4). Għandhom **jirrapportaw** din id-dejta b'mod elettroniku **sa 18-il** xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-dejta. Id-dejta trid tiġi rrapportata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5d. **L-ewwel rapport għandu jkopri l-perjodu mill-1 ta' Jannar [daħħal is-sena tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva + sena] sal-31 ta' Diċembru [daħħal is-sena tat-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva + sena].**

5a. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, għal kull sena tal-kalendarju, id-dejta dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 16(4). Għandhom **jiġbru u jipproċessaw** din id-dejta **skont il-metodoloġija komuni msemmija fil-paragrafu 5d ta' dan l-Artikolu u jirrapportawha** b'mod elettroniku fi żmien 12-il xahar minn tmiem is-sena ta' rappurtar li għaliha tkun inġabret id-dejta. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta mingħand l-atturi kollha li jiġbru jew li jittrattaw il-WEEE tiġi rrapportata**. Id-dejta trid tiġi rrapportata fil-format stabbilit mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 5d.

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 29****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16 – paragrafu 5c

Test propost mill-Kummissjoni

5c. Il-Kummissjoni għandha **tirrevedi d-dejta** rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat **tar-reviżjoni** tagħha. Ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir **tad-dinja**, is-sorsi tad-dejta u **l-metoloġija** użata fl-Istati Membri, **kif ukoll il-kompletezza**, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-dejta. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jiffassal kull tliet snin.

Emenda

5c. Il-Kummissjoni għandha **tagħmel rieżami tad-dejta** rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat **tar-rieżami** tagħha. **Sakemm tiġi stabbilita l-metoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta msemmija fil-paragrafu 1d**, ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir **tad-dejta**, is-sorsi tad-dejta u **l-metodoloġija** użata fl-Istati Membri. **Il-Kummissjoni għandha tivvaluta wkoll il-kompletezza**, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-dejta. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jiffassal kull tliet snin.

**Emenda 30****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16 – paragrafu 5ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

5c. Il-Kummissjoni għandha **tirrevedi d-dejta** rappurtata skont dan l-Artikolu, u tippubblika rapport dwar ir-riżultat **tar-reviżjoni** tagħha. Ir-rapport għandu jevalwa l-organizzazzjoni tal-ġbir **tad-dinja**, is-sorsi tad-dejta u **l-metoloġija** użata fl-Istati Membri, **kif ukoll il-kompletezza**, l-affidabbiltà, il-puntwalità u l-konsistenza ta' dik id-dejta. Il-valutazzjoni tista' tinkludi rakkomandazzjonijiet speċifiċi għat-titjib. Ir-rapport għandu jiffassal kull tliet snin.

Emenda

**5ca. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva fl-intier tagħha kif ukoll l-impatt tagħha fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem. Jekk ikun xieraq, ir-rapport għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva.**

**Emenda 31****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16 – paragrafu 5d

Test propost mill-Kummissjoni

5d. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **ta' implimentazzjoni li jstipulaw il-format** għar-rappurtar tad-dejta skont il-paragrafu 5a. Dawn l-atti **ta' implimentazzjoni** għandhom jiġu adottati skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 21(2).

Emenda

5d. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti **delegati skont l-Artikolu 20 sabiex jissupplimentaw din id-Direttiva permezz tal-istipular tal-metodoloġija komuni għall-ġbir u l-ipproċessar tad-dejta u l-format** għar-rappurtar tad-dejta skont il-paragrafu 5a.

It-Tlieta 14 ta' Marzu 2017

**Emenda 32****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16 – paragrafu 5da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**5da.** *Matul ir-rieżami msemmi fil-paragrafu 5c, fil-kuntest tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari u fid-dawl tal-impenn tal-Unjoni li tagħmel it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tagħmel rieżami ta' din id-Direttiva fl-intier tagħha, u b'mod partikolari l-kamp ta' applikazzjoni u l-miri tagħha, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt u fid-dawl tal-oġettivi u l-inizjattivi tal-politika tal-Unjoni fir-rigward tal-ekonomija ċirkolari. Il-Kummissjoni għandha teżamina l-possibbiltà li tistabbilixxi miri speċifiċi għar-riżorsi, b'mod partikolari għal materja prima kritika. Jekk ikun xieraq, dak ir-rieżami għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva.*

**Emenda 33****Proposta għal direttiva****Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

Direttiva 2012/19/UE

Artikolu 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(1a) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:****“Artikolu 16a**

**Strumenti biex titrawwem bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari**

*Sabiex jikkontribwixxu għall-oġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw strumenti ekonomiċi adegwati u għandhom jieħdu miżuri oħra biex jipprovdv inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart. Tali strumenti u miżuri jistgħu jinkludu dawk indikati fl-Anness IVa tad-Direttiva 2008/98/KE.”*